KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
POIARES MADURO
ppreżentati fil-25 ta' Jannar 2007 [1]

1. Huwa mertu tat-tiġieġ ta' North Carolina — kien fl-1946 f'kawża quddiem il-Qorti Suprema ta' l-Istati Uniti [2] — li saret l-ewwel riflessjoni fil-ġurisprudenza fuq il-konsegwenzi tal-ħoss iġġenerat mill-ajruplani u l-bżonn li jiġu rrikonċiljati l-interess ġenerali marbut ma' l-użu ta' l-ispazju ta' l-ajru u d-drittijiet ta' dawk li jbatu, b'kull mod, il-konsegwenzi ta' l-emissjonijiet tal-ħoss prodotti mit-tlugħ jew l-inżul ta' l-ajruplani.

2. Din il-kawża tirrigwarda l-adozzjoni, minnaħa tar-Renju tal-Belġju, tad-Digriet Irjali, (Arrêté Royal, iktar 'il quddiem id-"Digriet") ta' l-14 ta' April 2002, li jirregola t-titjiriet ta' bil-lejl ta' xi ajruplani bil-ġett subsoniċi ċivili. Skond il-Kummissjoni din l-adozzjoni saret bi ksur ta' l-obbligi li jitnisslu mid-Direttiva 2002/30/KE [3], kif ukoll mit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 10, u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat KE.

3. Qed jiġi allegat li r-Renju tal-Belġju ma osservax l-obbligi Komunitarji kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja minn mindu nqatgħet il-kawża Inter-Environnement Wallonie [4], billi fil-perijodu mogħti għat-traspożizzjoni tad-Direttiva, ħa miżuri "li jistgħu jikkompromettu serjament il-kisba tar-riżultat preskritt mid-Direttiva".

I — Il-kuntest leġiżlattiv

A — *Id-Dritt Komunitarju*

4. Id-Direttiva ġiet adottata bil-għan li tistabbilixxi regoli applikabbli fil-Komunità għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-operat armonizzati fl-ajruporti ta' l-Istati Membri. Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom l-għan li jirrestringu l-ħoss prodott mill-ajruplani bil-ġett subsoniċi ċivili.

1 — Lingwa oriġinali: il-Portuġiż.

2 — United States vs Causby, 328 U.S. 256 (1946).

3 — Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 85, p. 40, iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

4 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 1997 (C-129/96, Ġabra p. I-7411).

5. L-Artikolu 2(g) tad-Direttiva jiddefinixxi l-metodu bilanċjat li jnebbaħ il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar dan is-suġġett.

"Metodu li bih l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-miżuri disponibbli sabiex tiġi solvuta l-problema tal-ħoss f'ajruport fit-territorju tagħhom, jiġifieri l-effett prevedibbli ta' tnaqqis tal-ħoss ta' l-ajruplani minn fejn joriġina, l-ippjanar u l-immaniġjar ta' l-użu ta' l-art, il-proċeduri għat-tnaqqis tal-ħoss u r-restrizzjonijiet fuq l-operat".

6. L-Artikolu 4(4) jistabbilixxi l-kriterji ta' valutazzjoni ta' l-emissjonijiet akustiċi ta' l-ajruplani, bħala "skond il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni li tkun saret skond il-Volum 1 [ta' l-Anness] 16 tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċiviili Internazzjonali, it-tielet edizzjoni, (1993)". Il-kriterji tal-Volum 1, Parti II, Kapitolu 3, ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni ċċitata huma użati wkoll għad-definizzjoni ta' "l-ajruplani li jkunu jikkonformaw bi ftit" li tidher fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva.

7. Il-metodu bilanċjat jirrappreżenta kompromess — definit f'livell internazzjonali — li għandu l-għan li jirrikonċijla l-politika tat-tnaqqis tal-ħoss u l-eżiġenzi ta' l-iżvilupp ta' l-avjazzjoni ċivili [5].

8. L-Artikolu 15 tad-Direttiva jistabbilixxi t-tħassir tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/1999, tad-29 ta' April 1999 li kien fis-seħħ qabel, dwar ir-reġistrazzjoni u l-użu fit-territorju tal-Komunità ta' ċerti tipi ta' ajruplani bil-jet subsoniċi ċivili li jkunu ġew immodifikati u ċċertifikati mill-ġdid bħala li jilħqu l-livelli stabbiliti fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 3 ta' l-Anness 16 mal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili, it-tielet edizzjoni (Lulju 1993) [6].

9. Is-sostituzzjoni tal-leġiżlazzjoni li kienet fis-seħħ qabel, sa minn April 2002, u qabel ma din setgħet tipproduċi l-effetti kollha li kienu marbutin magħha (kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq [7]) hija wieħed mill-għanijet ta' l-istrument Komunitarju l-ġdid. Id-Direttiva fil-fatt hija intiża biex tarmonizza l-qafas leġiżlattiv Ewropew skond il-kriterji adottati fl-ICAO. Dawn il-linji gwida ġodda internazzjonali huma ddefiniti fir-Riżoluzzjoni A 33/7 (adottata fit-33 Assemblea ta' l-ICAO) li tagħmel referenza għaliha l-istess Direttiva fil-premessa 10 [8].

5 — Kif jirriżulta b'mod ċar mill-Appendiċi C tar-Riżoluzzjoni A 33/7, li saret fit-33 Assemblea ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

6 — ĠU L 115, p. 1.

7 — Mill-Artikolu 3 iċċitat ġiet introdotta sensiela ta' projbizzjonijiet stretti fuq l-użu ta' ajruplani bil-ġett subsoniċi ċivili "iċċertifikati mill-ġdid".

8 — Il-kunċett ta' metodu bilanċjat li jinsab fir-Riżoluzzjoni A 33/7, ġie kkonfermat mir-Riżoluzzjoni A 35/5 ta' wara, adottata fit-8 ta' Ottubru 2004.

10. Il-metodu tad-Direttiva fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-operat huwa bla ħsara għad-deċiżjonijiet diġà meħudin; skond l-Artikolu 7 huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva:

"(a) ir-restrizzjonijiet fuq l-operat li jkunu ġà ġew stabbiliti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;

(b) tibdiliet tekniċi żgħar parzjali fuq ir-restrizzjonijiet fuq l-operat li ma jinvolvux spejje[ż] konsiderevoli għal-linja ta' l-ajru fi kwalunk[w]e ajruport tal-Komunità li jkunu ġew introdotti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva".

Fl-Artikoli 8 u 9 huma stabbiliti aktar derogi li jkopru sitwazzjonijiet partikolari.

11. Id-Direttiva daħlet fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha, fit-28 ta' Marzu 2002. Skond dak stabbilit fl-Artikolu 16 tagħha l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva sat-28 ta' Settembru 2003 l-aktar tard. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni meta ssir it-traspożizzjoni.

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

12. Id-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April 2002 ġie ppubblikat fil-*Moniteur belge* tas-17 ta' April 2002.

13. L-Artikolu 1 tar-regolament Belġjan jistabbilixxi li:

"Matul il-lejl bejn il-11 ta' filgħaxija u s-6 ta' filgħodu ħin lokali, it-titjiriet ta' l-ajruplani bil-ġett subsoniċi ċivili huma awtorizzati biss meta dawn l-ajruplani jtiru fi *clean configuration.*"

14. L-Artikolu 2 imbagħad jistabbilixxi li:

"L-Artikolu 1 mhuwiex applikabbli:

1) fil-konfront ta' l-ajruplani li jtiru fuq it-territorju Belġjan matul titjira li l-punti tat-tluq u tal-wasla tagħha jinsabu f'pajjiż barrani;

2) fil-konfront ta' l-ajruplani bil-ġett subsoniċi ċivili li:

a) jew għandhom magni li l-bypass ratio tagħhom huwa ugwali għal jew aktar minn tlieta u huma konformi ma' l-istandards fl-Anness 16 tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, Volum 1, Parti II, Kapitolu 3, it-tielet edizzjoni (Lulju 1993) jew ma' normi aktar riġidi;

b) jew huma oriġinarjament, jiġifieri mingħajr ma jkunu ġew iċċertifikati mill-ġdid, konformi ma' l-istandards stabbiliti fil-paragrafu a) iktar 'il fuq jew ma' standards aktar riġidi".

15. L-Artikolu 3 tad-Digriet jistabbilixxi li dan japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 925/1999.

16. L-Artikolu 4 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali għall-1 ta' Lulju 2003, jiġifieri anqas minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' traspożizzjoni stabbilit mid-Direttiva, aktar minn sena wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

II — Il-proċedura prekontenzjuża

17. Fis-6 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jagħtuha informazzjoni fuq id-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April 2002. Il-Kummissjoni ffukat essenzjalment fuq il-fatt li d-Digriet Belġjan żamm ir-referenza, għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-operat, għall-kriterju tal-"bypass ratio" li jidher fir-Regolament (KE) Nru 925/1999, billi fid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi Digriet ir-Regolament kien diġà tħassar u, barra minn hekk, dan il-kriterju ma kienx reġa' ntuża mil-leġiżlazzjoni l-ġdida.

18. L-awtoritajiet Belġjani rrispondew b'ittra tat-28 ta' Ġunju 2002. Il-Kummissjoni kkunsidrat li din ir-risposta ma kinitx sodisfaċenti tant li waslet biex bagħtet, fl-24 ta' Ottubru 2002, ittra ta' intimazzjoni abbażi tal-fatt li l-miżuri meħudin matul il-perijodu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva setgħu jikkompromettu serjament il-kisba tar-riżultat preskritt. Fil-punt 2.2 ta' l-intimazzjoni l-Kummissjoni wriet kif id-Digriet semma' l-kunċetti tal-bypass ratio u taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, li t-tnejn ma jissemmewx fid-Direttiva.

19. Fir-risposta tagħhom tat-23 ta' Diċembru 2002 l-awtoritajiet Belġjani ppreżentaw diversi argumenti sabiex juru li d-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April 2002 kien biss il-formalizzazzjoni ta' miżura diġà "stabbilita" qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva u li għalhekk il-kontenut tiegħu kellu jiġi kkunsidrat skond l-Artikolu 7 ta' l-istess Direttiva.

20. Biex jiġġustifika d-dewmien fil-formalizzazzjoni tad-Digriet ir-Renju tal-Belġju semma' l-organizzazzjoni kumplessa interna ta' l-Istat Belġjan u l-ħtiġijiet ta' koordinament u ftehim fost id-diversi livelli leġiżlattivi b'kompetenzi fir-rigward ta' l-amministrazzjoni ta' l-ajruporti u t-trasport bl-ajru.

21. Billi ma kinitx sodisfatta bir-risposti li ngħatawlha, il-Kummissjoni bagħtet, fit-3 ta' Lulju 2003, opinjoni motivata u l-Belġju rrispondieha b'ittra tat-3 ta' Awwissu 2003.

22. Il-Kummissjoni fl-aħħar iddeċidiet li tressaq, b'att ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2005, rikors skond l-Artikolu 226 KE.

III — Analiżi

23. Il-Kummissjoni ssostni li l-miżuri adottati bid-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April 2002 huma restrizzjonijiet — magħmulin matul il-perijodu ta' traspożizzjoni mogħti mid-Direttiva — fuq l-operat ta' l-ajruplani, skond id-definizzjoni ta' l-Artikolu 2(e) tad-Direttiva.

24. Dawn ir-restrizzjonijiet ġew adottati mingħajr ma tqiesu l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva msemmija. L-artikoli ċċitati jistabbilixxu sensiela ta' regoli li jirrigwardaw il-valutazzjonijiet li għandhom isiru meta jiġu introdotti r-restrizzjonijiet u t-tneħħija miċ-ċirkulazzjoni ta' ajruplani "li jkunu jikkonformaw bi ftit" ma' l-istandards stabbiliti fil-Volum 1, Parti II, Kapitolu 3 ta' l-Anness 16. Id-definizzjoni ta' ajruplani li jkunu jikkonformaw bi ftit tinsab — kif intqal — fl-Artikolu 2(d).

25. Minbarra dan, l-introduzzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet seħħet mingħajr ma tqies dak li jgħid l-Artikolu 10 tad-Direttiva. Dan l-artikolu jimponi fuq l-Istati Membri, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet fl-Artikoli 5 u 6, konsultazzjoni mal-partijiet interessati, kif ukoll obbligu iktar ġenerali tat-trasparenza fl-għażliet magħmula.

26. Il-Kummissjoni tikkonkludi r-rikors tagħha, fil-punt 43, fis-sens li l-adozzjoni tad-Digriet "tippreġudika fit-tul il-kundizzjonijiet tat-traspożizzjoni u ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva għaliex, meta teżiġi l-irtirar ta' xi ajruplani, il-valutazzjoni tal-problemi li jitnisslu mill-ħoss stabbilita fid-Direttiva ma tkunx tista' tikkunsidra l-emissjonijiet prodotti mill-ajruplani kollha li jikkonformaw mar-regoli tal-Kapitolu 3 ta' l-Anness 16 tal-ICAO, u għalhekk it-titjib bl-aħjar mod fil-kundizzjonijiet tal-ħoss ma jkunx jista' jintlaħaq b'mod li jikkonforma mad-Direttiva".

A — *L-effetti tad-direttivi matul it-terminu għat-traspożizzjoni*

27. It-talba tal-Kummissjoni hija bbażata fuq ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li bdiet mis-sentenza Inter-Environnement Wallonie [9].

28. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, meta wieħed jaqra flimkien id-Direttiva fis-seħħ, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 10 KE u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE dawn jimponu:

"Li, matul it-terminu li tistabbilixxi d-Direttiva stess għat-traspożizzjoni tagħha, l-Istat Membru indirizzat mid-Direttiva m'għandux jadotta dispożizzjonijiet li jistgħu jikkompromettu serjament il-kisba tar-riżultat preskritt mid-Direttiva" [10].

29. Din il-ġurisprudenza s'issa ġiet iċċitata biss waqt proċeduri ta' domandi għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE. Iżda dan il-każ jirrigwarda proċedura ta' ksur skond l-Artikolu 226 KE.

30. Din il-ġurisprudenza ġiet stabbilita minħabba l-bżonn li tiġi vvalutata l-legalità tar-regoli interni fir-rigward taċ-ċirkustanzi li jeżistu fil-mument ta' l-adozzjoni tagħhom, jiġifieri li jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet ta' provenjenza Komunitarja, li fir-rigward tagħhom ikun għadu m'għaddiex it-terminu għat-traspożizzjoni, jimpedixxux lill-Istati Membri milli jadottaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi li ma jkunux konformi ma' l-obbligi imposti mid-dritt Komunitarju.

31. Il-portata hija evidenti.

32. Qabel xejn għandha ssir distinzjoni bejn id-dħul fis-seħħ ta' direttiva u t-terminu ffissat għat-traspożizzjoni tagħha. L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 254 KE huwa ċar:

"Ir-regolamenti, id-direttivi u d-deċiżjonijiet li jiġu adottati skond il-proċedura li għaliha hemm riferenza fl-Artikolu 251 għandhom ikunu ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill u għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data indikata fihom jew, meta din ma tkunx imniżżla, fl-għoxrin jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni."

9 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq.

10 — *Ibid*, punt 10. Ġurisprudenza kkonfermata mis-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2003, ATRAL (C-14/02, Ġabra p. I-4431); tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold (C-144/04, Ġabra p. I-9981), ta' l-10 ta' Novembru 2005, Stichting Zuid-Hollandse Milieufederatie (C-316/04, Ġabra p. I-9759); ta' l-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, Ġabra p. I-6057), u ta' l-14 ta' Settembru 2006, Stichting Zuid-Hollandse Milieufederatie (C-138/05, Ġabra p. I-8339).

33. Fil-każ tad-Direttiva in kwistjoni l-Artikolu 17 jistabbilixxi li:

"Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej."

Din il-pubblikazzjoni saret nhar it-28 ta' Marzu 2003.

34. Huwa minn din id-data li d-Direttiva tibda teżisti u tibda tipproduċi l-effetti tagħha fl-ordinament ġuridiku Komunitarju u fil-konfront ta' l-Istati Membri, għalkemm dawn jingħataw terminu għall-implementazzjoni, kif inhu stabbilit, f'dan il-każ, fl-Artikolu 16. Dan it-terminu huwa intiż biex b'mod partikolari jiggarantixxi lill-Istati Membri ż-żmien meħtieġ għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni [11].

35. Kien l-Avukat Ġenerali Mancini li introduċa l-kwistjoni dwar l-effikaċja tad-direttivi fil-perijodu tat-traspożizzjoni fil-konklużjonijiet li kien ta fil-kawża 30/85 fis-7 ta' Ottubru 1986 [12].

"[...] anki meta d-direttiva ma jkunx fiha klawżola espliċita ta' 'standstill', in-notifika tagħha toħloq 'effett ta' waqfien', fis-sens li l-Istati huma pprojbiti milli jadottaw dispożizzjonijiet li jmorru kontra dispożizzjonijiet tagħha. [...] Huwa ovvju għalhekk li, bil-fatt biss li tkun ġiet adottata, hija tobbliga lil dawn il-pajjiżi biex ma jintroduċux miżuri ġodda li jistgħu jżidu dawk id-differenzi. [...] Imma bħal kull libertà oħra, anki din hija suġġetta għal-limiti u fl-ewwel lok għal limiti ddettati mil-loġika. B'hekk mhemmx dubju li hija timplika l-poter li jinżammu fis-seħħ irregoli jew prattiki li ma jikkonformawx maddirettiva; imma, kif għadni kif għedt, huwa bl-istess mod ċert li hija ma tinkludix il-poter li jiżdied in-nuqqas ta' konformità li d-Direttiva hija intiża biex tirrimedja. Għandu jiġi kkunsidrat, fost affarijiet oħra, li l-miżuri meħudin meta jkun għadu għaddej it-terminu, iridu bilfors jitqiesu bħala li huma maħsuba biex jittrasponu l-att Komunitarju; miżuri bħal dawn huma ta' l-anqas mistennija li ma jikkontradixxux il-prinċipji li jkun fih dan l-att". [traduzzjoni mhux uffiċjali].

36. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet dan l-effett fis-sentenza ċċitata Inter-Environnement Wallonie. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm ma qablitx

11 — Is-sentenzi Inter-Environnement Wallonie, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41, u tal-5 ta' Frar 2004, Rieser Internationale Transporte (C-157/02, Ġabra p. I-1477, punt 68).

12 — Sentenza tat-11 ta' Ġunju 1987 (30/85, Ġabra p. I-2497, punt 7).

għal kollox mal-pożizzjoni li ħa l-Avukat Ġenerali Mancini, tikkostitwixxi pass 'il quddiem importanti. Is-soluzzjoni tmur lil hinn minn dak li ppropona l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-konklużjonijiet ippreżentati fis-sentenza msemmija aktar 'il fuq [13].

37. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-kwistjoni ta' x'inhuma l-effetti tad-direttivi — waqt li jkun għaddej it-terminu għat-traspożizzjoni — biex tiġi ggarantita l-effikaċja mill-mument tad-dħul fis-seħħ, mingħajr ma jiġi impost fuq l-Istati xi obbligu antiċipat li jagħmel xi ħaġa. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma wasslitx biex tesprimi ruħha favur obbligu ġenerali ta' astensjoni mill-Istat Membru fl-oqsma rregolati mid-direttiva.

38. It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 10 u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat KE, kif ġew interpretati, jiddeterminaw għall-Istati l-obbligu li ma jikkompromettux l-għanijiet tal-Komunità kif inhuma ddefiniti f'direttiva. L-obbligu *di fare* ta' Stat mhuwiex sindakabbli sa l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni. Fl-istess ħin id-direttiva Komunitarja tidher li tista' tipprevjeni, sa mid-dħul fis-seħħ tagħha, l-adozzjoni ta' regoli li jistgħu jikkompromettu li jintlaħqu l-għanijiet.

39. Din il-loġika ispirata mill-*bona fede* mhijiex wisq differenti minn dak li hu stabbilit fid-dritt internazzjonali; l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq il-Liġi tat-Trattati, tat-23 ta' Mejju 1969, jistabbilixxi:

"Stat m'għandux jadotta atti li jipprivaw lit-Trattat mill-għan jew l-iskop tiegħu:

[...]

b) meta jkun wera li jaqbel li jkun marbut mit-Trattat, fil-perijodu li jiġi qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat u bil-kundizzjoni li dan ma jiġix imtawwal bla bżonn" [14]. [traduzzjoni mhux uffiċjali].

40. L-Istat Membru jżomm il-funzjonijiet leġiżlattivi u amministrattivi tiegħu; iżda dawn il-funzjonijiet għandhom jiġu eżerċitati b'mod li jkun konformi ma' dak li tgħid id-Direttiva u ma jistgħux imorru kontriha jew għall-inqas m'għandhomx ikunu tali li jikkomplikaw l-applikazzjoni tar-regoli ddeterminati fuq il-livell Komunitarju.

13 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża C-129/96, iċċitata iktar 'il fuq.

14 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Jannar 1997, Opel Austrija vs Il-Kunsill (T-115/94, Ġabra p. II-39, punt 91, punti 76 sa 90).

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi li, biex jiġi ddeterminat jekk l-Istat Membru kkommettiex ksur, issir evalwazzjoni ta' jekk ir-regoli nazzjonali jistgħux "jikkompromettu serjament" l-għanijiet tad-Direttiva.

42. F'dan ir-rigward il-qorti tal-Komunità wriet li hemm bżonn li ssir evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali filwaqt li jiġi kkunsidrat:

"Jekk id-dispożizzjonijiet ikkonċernati humiex traspożizzjoni sħiħa tad-direttiva u jiġu eżaminati l-effetti konkreti ta' l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li mhumiex konformi mad-Direttiva u u tażżmien li matulu jdumu fis-seħħ" [15]. [traduzzjoni mhux uffiċjali].

43. Il-fatt li d-dispożizzjonijiet in kwistjoni huma ppreżentati bħala traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva jeħtieġ evalwazzjoni antiċipata ta' kemm hija adegwata t-traspożizzjoni. Jidher li huwa diffiċli ħafna li l-obbligu jista' jiġi sodisfatt, u fil-ħin, meta dak li sar espressament biex dan jiġi sodisfatt mhuwiex konformi mar-rekwiżit.

44. Fl-istess ħin il-fatt li r-regola interna eżaminata mhijiex miżura ta' traspożizzjoni ma jfissirx li d-dispożizzjoni tista' tiġi eżentata mill-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà marrekwiżit Komunitarju, billi ftit huwa rilevanti l-fatt li r-regola tad-dritt nazzjonali, adottata wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, għandhiex jew le l-għan li tittrasponi t-test leġiżlattiv Komunitarju [16].

45. L-eżami ta' l-effetti konkreti ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u taż-żmien li matulu jdumu fis-seħħ iwassal għal analiżi fuq livell aktar konkret.

46. Leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tikkompromett serjament ir-riżultat ta' direttiva kull darba li tkun tista' toħloq, fit-tul, sitwazzjoni li tkun inkompatibbli ma' l-għanijiet Komunitarji.

47. Din is-sitwazzjoni tista' tiġri kemm bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni, kif ukoll bil-ħolqien ta' ċirkustanzi fattwali li jmorru kontra l-għanijiet Komunitarji, u li diffiċilment ikunu jistgħu jinqalbu.

15 — Sentenza Inter-Environment Wallonie, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47.

16 — Sentenzi ATRAL, iċċitata iktar 'il fuq punt 59; Mangold, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60, u Adeneler, iċċitata iktar 'il fuq, punt 121.

48. Wieħed jista' jikkonċepixxi li fil-perijodu ta' traspożizzjoni tad-direttiva Komunitarja jiġu imposti, fil-livell nazzjonali, obbligi xierqa biex tinħoloq ċerta sitwazzjoni jew biex jiġu imposti għażliet li diffiċilment jistgħu jinqalbu, li jeċċedu r-rekwiżiti Komunitarji u li sostanzjalment imorru kontrihom.

49. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' per eżempju, toħloq obbligi li biex jiġu sodisfatti jidher li titneħħa l-effettività ta' l-armonizzazzjoni li ssir fil-livell Ewropew jew timponi għażliet li jibqgħu jeżistu lil hinn sewwa mit-terminu għat-traspożizzjoni u li jinfluwenzaw min-naħa tagħhom, l-iżvilupp ulterjuri ta' l-għażliet Komunitarji.

50. Jidher possibbli li l-każ tad-Digriet Belġjan jidħol f'din l-ipoteżi li, l-aktar l-aktar, jista' jwassal għall-ħtieġa, għal xi kumpanniji ta' l-ajru li joperaw fl-Ewropa, li jissostitwixxu l-flotta tagħhom.

51. L-evalwazzjoni l-oħra li trid issir hija dik li għandha x'taqsam mal-ħtieġa eventwali provviżorja tal-miżuri adottati. L-eżistenza ta' din il-ħtieġa tista' tiġi invokata mill-Istat nazzjonali biex jiġġustifika l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti Komunitarji [17].

17 — Sentenza Inter-Environnement Wallonie, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49.

B — *L-argumenti tad-difiża tar-Renju tal-Belġju*

Il-kwistjoni ta' l-inammissibbiltà

52. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu r-Renju tal-Belġju jinnota kif il-Kummissjoni, fit-talba tagħha skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 226 tat-Trattat KE, tirriferi għaċ-ċirkustanza li qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni l-Gvern Belġjan beda jimplementa l-imsemmija Direttiva permezz ta' l-adozzjoni tad-Digriet Irjali tal-25 ta' Settembru 2003 [18], dwar l-adozzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-operat fl-Ajruport Nazzjonali ta' Brussell, mingħajr fl-istess ħin ma ħassar jew emenda d-Digriet in kwistjoni.

53. Fil-punti 20 sa 29 tar-risposta tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jlum lill-Kummissjoni talli żiedet motiv fir-rikors (li ma ssemmiex fl-opinjoni motivata) — dwar l-aġir tar-Renju tal-Belġju wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva in kwistjoni. Dan l-ilment mhuwiex ammissibbli skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja [19].

54. Fil-fehma tiegħi, l-argument ta' difiża tar-Renju tal-Belġju huwa infondat.

18 — Ippubblikati fil-*Moniteur belge* tas-26 ta' Settembru 2003.

19 — Sentenza tat-22 ta' Settembru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-221/03, Ġabra p. I-8307, punt 38).

55. Fil-verità mhijiex kwistjoni ta' introduzzjoni ta' motiv ġdid fir-rikors, u lanqas ta' lment dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva in kwistjoni fid-dritt Belġjan. L-ebda lment ġdid mhu qed jiġi fformulat.

56. L-argument magħmul iservi biss, skond ir-riformulazzjoni li saret mill-Kummissjoni, biex jippreċiża li, fl-aħħar tal-perijodu għat-traspożizzjoni u fl-att tat-traspożizzjoni nnifsu, ma kienx hemm tħassir tal-miżura kkontestata u li din ma tistax tiġi kkunsidrata bħala dispożizzjoni tranżitorja. Barra minn hekk, ir-Renju tal-Belġju, minkejja l-proċedura prekontenzjuża, ma mmodifikax ir-regoli interni fis-sens mixtieq mill-Kummissjoni u skond l-obbligi kkunsidrati li jitnisslu mid-Direttiva.

L-argumenti tad-difiża l-oħra tar-Renju tal-Belġju

57. L-argumenti tad-difiża tar-Renju tal-Belġju bħala risposta għall-argumenti tal-Kummissjoni huma ffukati essenzjalment — ħlief għall-kwistjoni dwar l-inammissibbiltà tar-rikors — fuq il-kumpatibbiltà allegata tad-Digriet Irjali mad-Direttiva u fuq l-applikazzjoni korretta tar-regoli Komunitarji.

58. Ir-Renju tal-Belġju jsostni li d-dispożizzjonijiet li fih id-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April 2002 għandhom jiġu kkunsidrati bħala restrizzjonijiet fuq l-operat eżistenti, skond dak stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva.

59. Skond l-argumenti tas-Renju tal-Belgju d-Direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Artikolu 7 ċċitat, meta jirriferi għal "restrizzjonijiet fuq l-operat li jkunu ġà ġew stabbiliti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva" jeżenta d-dispożizzjonijiet fid-Digriet Irjali ta' April 2002 mill-applikazzjoni tad-Direttiva, anki jekk dawn ġew ifformalizzati biss wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

60. Il-pożizzjoni tar-Renju tal-Belġju hija bbażata fuq l-interpretazzjoni tal-kliem "ġew stabbiliti". Għal dan il-għan saret referenza għad-differenzi bejn it-test adottat u dak tal-proposta tal-Kummissjoni, u ġiet iċċitata in sostenn anki l-verżjoni Ingliża [20]. Din ta' l-aħħar użat, fl-ewwel verżjoni, il-kliem "fis-seħħ" ("already in force" fil-verżjoni Ingliża) minflok "stabbiliti" ("established"), kelma li qiegħda fit-test finali.

61. Il-Gvern Belġjan isostni li d-deċiżjonijiet adottati bid-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April

20 — COM(2001) 695 finali.

2002, kienu diġà ttieħdu mill-Gvern ċentrali fil-11 ta' Frar 2000 (in sostenn il-Gvern Belġjan isemmi l-kopertura estensiva fil-*media* ta' din id-deċiżjoni politika) u li d-dewmien fil-formalizzazzjoni definittiva kien minħabba l-organizzazzjoni interna partikolari ta' l-Istat Belġjan u t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istat ċentrali u l-entitajiet federali.

62. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat. Mhuwiex meħtieġ li tiġi adottata l-interpretazzjoni proposta mir-Renju tal-Belġju biex wieħed jara differenza bejn il-kliem "fis-seħħ" u "stabbiliti" użati suċċessivament fit-testi li qed jitqabblu; il-kelma "stabbiliti" tesprimi kunċett kjarament differenti minn dak li jikkorrispondi ma' l-idea ta' deċiżjoni politika, li għaliha tirriferi l-parti konvenuta.

63. Għandu jiġi mtenni wkoll li d-deroga stabbilita fl-Artikolu 7, li hija eċċezzjoni firrigward tar-regoli applikabbli ġeneralment li jinsabu fid-Direttiva u fil-ftehim internazzjonali li fuqhom hija bbażata, tista' tiġi interpretata biss f'sens restrittiv [21].

64. Is-sens ta' l-Artikolu 7 jista' jiġi ċċarat aħjar mit-18-il premessa ta' l-istess Direttiva, li tgħid li:

"Hemm bżonn li jitħallew ikomplu l-miżuri eżistenti għat-tnaqqis tal-ħoss skond l-ajruport u għal ċerti tibdiliet tekniċi għarrestrizzjonijiet fuq l-operat ta' natura parzjali".

65. Il-premessa turi l-ħtieġa li jinżammu r-restrizzjonijiet biss diġà stabbiliti fil-mument tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva; l-istess titolu ta' l-Artikolu 7 jirriferi għal "restrizzjonijiet fuq l-operat eżistenti".

66. Id-Digriet in kwistjoni, bħal kull att li jistipula regoli legali, jibda jeżisti fl-ordinament ġuridiku mill-mument ta' l-adozzjoni formali tiegħu skond ir-regoli interni; ma' dak il-mument huwa marbut mill-qrib dak tal-pubblikazzjoni uffiċjali li minnu jibdew jiġu prodotti l-effetti tiegħu.

67. Huwa l-istess Digriet, ippubblikat fil-*Moniteur belge* tas-17 ta' April 2002, li ġab id-data ta' l-14 ta' April bħala referenza għall-adozzjoni tiegħu. Dawn huma l-elementi li min ser jinterpreta jrid jagħmel referenza għalihom.

21 — Sentenzi tas-6 ta' April 2006, ANAV (C-410/04, Ġabra p. I-3303, punt 26), u tal-11 ta' Jannar 2005, Stadt Halle u RPL Lochau (C-26/03, Ġabra p. I-1, punt 46).

68. Iċ-ċertezza legali tiġi kompromessa meta jkun possibbli li ssir referenza, għad-determinazzjoni ta' derogi għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji, għal dati relativi għal deċiżjonijiet politiċi li mhumiex suġġetti għal rekwiżit li jiġu ppubbikati b'mod sħiħ.

69. Ma' dan għandu jingħad ukoll li skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri ma jistgħux jinvokaw ċirkustanzi interni jew diffikultajiet prattiċi biex jiġġustifikaw dewmien fit-traspożizzjoni [22]. Din il-ġurisprudenza tista' tapplika wkoll, *mutatis mutandis*, anki għas-sitwazzjoni in kwistjoni.

70. Biex tiġi identifikata politika deċiża diġà f'ċerta data min-naħa ta' Stat Membru ma jistgħux isiru referenzi għal ċirkostanzi li jirrigwardaw proċeduri ta' adozzjoni interni. Minflok, għandu jiġi kkunsidrat il-mument ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni, li hu ddeterminat abbażi tal-liġijiet nazzjonali u ta' l-atti uffiċjali ta' pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet amministrattivi jew leġiżlattivi.

71. Id-deroga stabbilita mid-Direttiva fl-Artikolu 7 ma tistax għalhekk tiġi kkunsidrata applikabbli għad-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April 2002.

72. Subordinatament, ir-Renju tal-Belġju jsostni, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taċċettax li tqis id-Digriet bħala miżura deċiża qabel id-Direttiva, li d-Digriet imsemmi huwa koerenti ma' l-għanijiet li jridu jintlaħqu mid-Direttiva u li, barra minn dan, jimla vojt leġiżlattiv imħolli mit-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 935/1999.

73. Lanqas dan l-argument ma jista' jiġi aċċettat.

74. Għandu jerġa' jingħad li fost l-għanijiet tad-Direttiva hemm dak li r-regolament jiġi sostitwit, bl-iskop li tiġi emendata l-politika Komunitarja f'dan il-qasam, biex minflok il-metodu użat qabel jidħol il-metodu ddefinit bħala "bbilanċjat".

75. Għal dawn il-motivi, ir-regoli introdotti mid-Digriet, filwaqt li huma f'pożizzjoni ta' kontinwità mar-regolament li kien fis-seħħ qabel, imma adottati wara t-tħassir tiegħu, jidhru li huma ta' natura li jikkompromettu serjament il-kisba ta' l-għanijiet tad-Direttiva.

22 — Sentenzi tat-2 ta' Awwissu 1993, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-303/92, Ġabra p. I-4739); tal-21 ta' Jannar 1999, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-150/97, Ġabra p. I-259); tat-22 ta' April 1999, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-272/97, Ġabra p. I-2175); tal-25 ta' Novembru 1999, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-212/98, Ġabra p. I-8571); tat-13 ta' April 2000, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-274/98, Ġabra p. I-2823); tas-6 ta' Lulju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-236/99, Ġabra p. I-5657); tat-23 ta' Novembru 2000, Il-Kummissjoni vs Franza (C-319/99, Ġabra p. I–10439); tas-7 ta' Diċembru 2000, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-423/99, Ġabra p. I-11167); tal-5 ta' April 2001, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-494/99, Ġabra p. I-2761); u ta' l-4 ta' Ottubru 2001, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-450/00, Ġabra p. I-7069).

76. L-adozzjoni eventwali ta' dispożizzjonijiet li jidħlu fis-seħħ wara t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 925/1999 kellha tqis il-metodu introdott fid-Direttiva.

77. Ma tistax tiġi aċċettata l-pożizzjoni tar-Renju tal-Belġju li l-obbligi Komunitarji huma sodisfatti għal kollox bl-adozzjoni tad-Digriet imsemmi tal-25 ta' Settembru 2003.

78. Il-fatt li, kif inhuma l-affarijiet issa, huwa biss l-Ajruport Nazzjonali ta' Brussell li għandu traffiku li jaqbeż il-50 000 moviment ta' ajruplani bil-ġett subsoniċi ċivili kull sena u li digriet li jikkonċerna biss l-Ajruport Nazzjonali ta' Brussell ġie effettivament adottat ma jippermettix li jiġi deċiż li d-Digriet ta' l-14 ta' April 2002 ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

79. Id-Digriet ta' l-14 ta' April 2002 huwa ta' portata ġenerali billi bl-ebda mod mhu limitat għall-ajruporti li ma jidħlux fil-kamp ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva. Għal dawn ir-raġunijiet jista' jipperikola l-issodisfar ta' l-obbligi tad-Direttiva.

80. L-obbligu ta' l-Istat Belġjan li jiggarantixxi t-traspożizzjoni tad-Direttiva huwa indipendenti mill-eżistenza stess fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' attivitajiet ta' ajruporti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

81. Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja — imtennija b'referenza anki għall-istess Direttiva 2002/30 — li l-ineżistenza fi Stat Membru determinat ta' attività partikolari koperta minn direttiva ma tistax teħles lil dan l-Istat Membru mill-obbligu tiegħu li jadotta miżuri leġiżlattivi jew regolatorji sabiex jassigura traspożizzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva [23].

82. Għandu jiġi miċħud ukoll l-argument dwar il-vojt legali eventwali li jħalli t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 925/1999. Fil-fatt ir-regoli nazzjonali li kien hemm qabel u d-Direttiva 92/14/KEE [24] jibqgħu fis-seħħ, filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti jadottaw regoli nazzjonali li huma kompatibbli mad-Direttiva.

23 — Sentenzi tat-8 ta' Ġunju 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-71/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 12), u tat-13 ta' Diċembru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-372/00, Ġabra p. I-10303, punt 11).

24 — Id-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE, tat-2 ta' Marzu 1992, fuq il-limitazzjoni fl-użu ta' l-ajruplani rregolati mill-Anness 16 tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, Volum 1, parti II, Kapitolu 2, it-tieni edizzjoni (1988) (ĠU L 76, p. 21).

83. Għal dawn il-motivi, nikkunsidra li d-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April 2002 — li jistabbilixxi restrizzjonijiet fuq l-operat li mhumiex konformi mad-Direttiva Komunitarja, fil-pendenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tagħha, u b'hekk joħloq limitazzjoni serja fuq l-operattività ta' kategorija partikolari ta' ajruplani — jista' jikkompromett serjament l-għanijiet li tistabbilixxi d-Direttiva.

IV — Konklużjonijiet

84. Bħala konklużjoni nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li:

"Ir-Renju tal-Belġju, billi adotta fil-perijodu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Marzu 2002, dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità, id-Digriet Irjali ta' l-14 ta' April 2002, li jirregola t-titjiriet ta' bil-lejl ta' xi ajruplani bil-ġett subsonići ċivili, naqas milli jwettaq l-obbligi imposti fuqu mid-Direttiva 2003/30/KE u mit-Trattat KE, fit-tieni paragrafu ta' l-Artikoli 10, u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249."